MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru 946/2005

**Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**vs**
**Anthony Cutajar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mijuba kontra **Anthony Cutajar** ta’ 39 sena, bin Saviour u Elaine Anne *nee’* Barker, imwieled Manchester l-Ingilterra fl-20 ta’ Frar, 1966, residenti El Salv Triq Amabile Sisner, Fgura u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 429382(M);

Talli nhar id-19 ta’ Gunju 2003ghall-habta tal-10:00 ta’ filghodu fi Triq il-Hompesch Fgura dolozament bil-hsieb li tikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Marlene Paris mill-Fgura wrejt dan il-hsieb b’atti esterni u tajt bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, billi soqt vettura tal-ghamla Bedford mudell 2 Axle RL ta’ lewn beige bin-

numru tar-registrazzjoni EBA 634 fid-direzzjoni tal-vettura li kienet qed issuq Marlene Paris cioe' vettura tal-ghamla Renault mudell 19 ta' lewn hamrani li ghandha n-numru tar-registrazzjoni CAS 875 liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghek;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi permezz tal-vettura tal-ghamla Bedford 2 Axle RL ta' lewn beige bin-numru tar-registrazzjoni EBA 634 ikkagunajt hsarat volontarji fuq il-vettura tal-ghamla Renault mudell 19 ta' lewn hamrani li ghandha n-numru tar-registrazzjoni CAS 875, liema hsara taccedi l-Lm1000 ghad-dannu ta' Marlene Paris mill-Fgura u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin u lok soqt il-vettura tal-ghamla Bedford 2 Axle RL ta' lewn beige bin-numru tar-registrazzjoni EBA 634 b'manjiera perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15 (1) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess cirkostanzi sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti hija mitluba sabiex tigi sospiza l-licenzja tas-sewqan ta' Anthony Cutajar u dan skond kif inhu mitlub fl-artikolu 15 (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hi mitluba sabiex skond il-Ligi, tordna lill-intimat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-Esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tal-21 ta' Mejju 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 14(1) (a), 214, 218 u 221, 325(1) (a), 49 u 50, 383, 384, 386 u 412C, 532A, 532B, 533 u 534 tal-Kap 9, u 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi mressqa jirrizulta illi din il-kawza inizzjat fuq l-istanza ta' parti dannegjata li kienet irrapurtat lill-pulizija illi l-imputat, li kien is-sieheb tal-vittma precedentement ghall-akkadut, kien saq il-vettura tieghu fid-direzzjoni tal-vettura li kienet qed issuq hi stess, habat fiha u kkawzala griehi fuq il-persuna taghha kif ukoll danni fil-vettura. Fil-mori tal-kawza, l-kwerelanti haffret lill-imputat u rrinunzjat ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Il-vittma tirrakonta illi hija kienet tghix mal-imputat u flimkien kellhom tlett itfal. Wara li sseparaw minn xulxin l-imputat kien lemaha ghaddejja bil-vettura taghha, waqqafha u pprova jdahhal xi karti mit-tieqa tal-vettura fejn irrezistiet u marret taghmel rapport l-ghassa. Waqt li kienet sejra lura d-dar rat lill-imputat qed jikkonsenja xi oggetti f'hanut meta dan startja t-truck li kien bih u saq ghal go fiha b'mod li garrbet griehi f'ghonqa, l-vettura sofriet danni estensivi fuq wara u sahansitra inqala d-*dashboard* minn postu filwaqt li evitat li l-vettura taghha tahbat ma' ta' quddiemha. Hija prezentat certifikat mediku dwar il-griehi konfermat mit-tabib li ezaminaha izda xehdet li llum ghaddielha kollox. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqa li l-vettura tappartjeni lill-kwerelanta u li d-danni huma f'ammont li appena jeccedi l-Euro 2330;

L-imputat inghata l-opportunita iressaq il-provi tieghu izda kif jirrizulta mill-atti iddekada minn tali opportunita. Minkejja dan, kienet esebita in atti stqarrija tal-imputat li ma kienitx minnu kontestata fejn ma cahadx li saq bit-truck tieghu fuq il-vettura tal-kwerelanta izda li ghamel hekk ghaliex kien provokot minnha meta kien lemaha fit-triq u mar jistaqsiha ghaliex ma rieditx ttih lura t-tifel u

qaltlu li ma rieditx tkellmu aktar. Ftit wara ghaddiet mill-istess triq u ghamlitlu mossa oxxena kif ukoll ghajritu b'kelma baxxa. Hi regghet daret lura u meta harset lejh qabdet tidhaq u ghalhekk hassu provokat, tilef rasu, rikeb got-truck u saq ghal-fuqha.

Miz-zewg xenarji prospettati jirrizulta illi anke jekk il-Qorti kellha taccetta illi l-imputat kien urtat bl-azzjoni tal-kwerelanti, *gratia argomenti* jekk fil-fatt gara hekk, dan l-agir ma jikwalifikax bhala provokazzjoni li b'xi mod ghandu jiskuza lill-imputat minn dak li ghamel. Fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni ippruvat fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien responsabbli minn dan l-akkadut izda l-istess ma jistghax jinghad ghall-kwalifika li hu ried jikkawza feriti gravi fuq il-persuna tal-kwerelanta izda pjuttost fuq il-vettura taghha. Jirrizulta illi appena dahal fiha huwa waqaf minn jeddu milli ikompli isuq u ma kien hemm xejn x'jimpedih milli jaghmel dan. Il-konsegwenza naturali u prevedibbli ta' tali agir hija danni fuq il-persuna tas-sewwieq izda l-Qorti hi tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma ressqitx dik il-prova konklussiva li l-imputat ried jikkawza griehi gravi fuq l-kwerelanta. Ghalhekk ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi ravvizati fl-artikolu 214 u 218 tal-Kap 9. Kwantu ghall-akkuza alternattiva fl-artikolu 221 la darba l-griehi hfief huma rinunzjabbli, l-Qorti hi tal-fehma illi l-process ghandu jkun dikjarat ezawrit kwantu din l-akkuza.

Illi d-danni volontarji mhumiex rinunzajbbli u stante li dawn kienu pruvati issibu hati taghhom kif ukoll issibu hati bhala recediv.

Rat l-artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65, 49 u 50 tal-Kap 9 u fic-cirkostanzi, stante rinunzja tal-kwerelanta fuq kwistjoni familjari, thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-inzul fil-piena taht il-minimu u qed tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta' multa ta' €500. Ukoll stante

rinunzja ma tara ebda raguni ghaliex ghandha timponi fuq l-imputat l-garanzija kif ravvizat fl-artikoli tal-avukat generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------